MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 390/2004

**Untours Insurance Agents Limited (C5655) ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Raymond Mangion u l-istess Raymond Mangion (ID 7293554)**

**Vs**

**Alexandra Cilia**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erba' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm455.62c) rapprezentanti hsarat minnhom sofferti b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fit-8 t'Awissu, 2003 bejn karozza *Toyota Corolla* ALI 006 misjuqa mill-konvenuta u *Mazda* MAR 117 misjuqa mill-attur.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha eccepiet li l-incident in kwistjoni ma sehhx tort taghha izda sehh unikament tort ta’ l-attur Raymond Mangion.
Sema’ x-xhieda ta’ Raymond Mangion, PS 1067 Mario Spiteri u tal-konvenuta.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti l-ohra kollha tal-kawza u li fis-seduta tas-26 t’Ottubru, 2004 il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi Raymond Mangion kien qieghed isuq il-karozza MAR 117 fi Triq Guze’ D’Amato, Rahal Gdid niezel lejn il-pjazza. F’daqqa wahda fegghet karozza ALI 006 hierga minn Triq San Guzepp li tinkrocja l-imsemmija Triq Guze’ D’Amato. Mangion ighid li din giet hesrem fuqu u malli raha ghafas il-*brake* izda kienet vicin wisq tieghu u b’hekk laqat il-karozza l-ohra fuq il-*mudguard* ta’ quddiem. Huwa jghid li z-zewg karozzi habtu billi fir-rigward tal-karozza tieghu d-daqqa kienet fuq il-fanal ta’ quddiem, il-*bumper,* l-*indicator*, u min-naha tad-*driver* jigifieri min-naha tar-*right*, mentri l-karozza l-ohra kellha hsara fuq il-*mudguard* bejn ir-rota u l-bieba ta’ quddiem tan-naha tal-passiggier cjoe’ tan-naha tax-xellug. Huwa jghid li wara l-kollizjoni tkellem mad-*driver* l-ohra u meta rrimarkalha kif qasmet quddiemu hi qalet li lanqas ratu. Mal-ewwel daqqa t’ghajn huwa haseb li fil-karozza tieghu ma kellux hsara mbaghad ra l-karozza taghha u ralha daqqa fuq il-*mudguard* u mbaghad rega’ mar jara l-karozza tieghu u nduna li kien hemm frak ta’ l-*indicator* u *hairline crack* fuq il-fanal u nnota li l-*bumper* kien spinga ‘l gewwa. Huwa qal li veru li *at first glance* deher li ma kellu xejn izda wara meta ezamina l-vettura tieghu bir-reqqa nduna bil-hsarat. Huwa cahad li kien ghaddej bl-i*speed.* Kieku kien ghaddej bl-i*speed* il-hsara kienet tkun akbar. Qabel l-incident huwa kien ghaddej b’xi 35/40km fis-siegha, pero’ ma kienx niezel bi *speed* qawwi u x’hin wasal fejn il-*crossroad* naqqas l-i*speed* billi hemm *sleeping policeman*. Mistoqsi biex ighid jekk rax il-karozza tal-konvenuta qabel l-incident, huwa rrimarka li raha minn xi ghaxar piedi boghod minnu qabel il-kollizjoni u li fl-ebda hin ma ra l-karozza tal-konvenuta

wieqfa qabel l-incident. L-ewwel darba li waqfet kienet ma' l-incident.

Il-konvenuta xehdet li hija kienet hierga minn Triq San Guzepp u li meta waslet fl-inkrocju ma' Triq Guze' D'Amato, billi kien hemm *truck* ipparkjat fil-kantuniera u qed jimblokkalha l-vizwali taghha, hija harget bil-mod u kif fegghet fi Triq Guze' D'Amato, giet il-karozza misjuqa minn Mangion u b'hekk sehhet il-kollizjoni. Hija waqfet u Mangion qalilha li kollox kien sew u li ma kellux hsara u ghalhekk saqet ftit u pparkjat il-karozza kif indikat fl-i*sketch* u regghet harget u ezaminat il-vettura taghha. Hemm indunat li kellha l-hsara w anki tkellmet mad-*driver* l-iehor.

Xehed ukoll PS 1067 Mario Spiteri li esebixxa l-i*sketch* u l-okkorrenza relattiva ghall-kollizjoni u mistoqsi biex ighid liema miz-zewg toroq hija ghandha priorita', huwa qal li Triq Guze' D'Amato taghti ghall-pjazza.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jidhirlu li qabel xejn wiehed ghandu jara min miz-zewg sewwieqa kellu r-*right of way* u jekk iz-zewg toroq in kwistjoni kienx hemm wahda li kellha priorita'. Iz-zewg toroq in kwistjoni huma *side roads* izda t-Tribunal jidhirlu li l-fatt illi fuq in-naha l-ohra ta' Triq San Guzepp cjoe' mhux in-naha minn fejn harget il-konvenuta izda min-naha l-ohra hemm *stop sign* u l-fatt illi Triq Guze' D'Amato hija t-triq li taghti dritt ghall-pjazza, jindika li din hija triq ta' aktar importanza minn Triq San Guzepp. B'danakollu pero' ma jfissirx illi billi Triq Guze' D'Amato hija triq li ghandha aktar priorita' jfisser li s-sewwieqa f'din it-triq jistghu jaqbdu u jsuqu kif iridu. Din hija triq li fiha diversi nkrocji u ghalhekk kull sewwieq huwa obbligat li juza certu kawtela.

Illi inoltre, l-vettura misjuqa mill-konvenuta harget *from the right* tal-karozza misjuqa mill-attur u ghalhekk, kieku z-zewg toroq kienu t-toroq ta' mportanza ugwali, kienet tkun il-vettura tal-konvenuta li kien ikollha r-*right of way*. Iz-zewg sewwieqa certament kienu konxji li fuq il-lemin tal-karozza ta' l-attur u cjoe' fuq ix-xellug tal-karozza tal-konvenuta, fi Triq Guze' D'Amato kien hemm *heavy plant*

*vehicle*, cjoe' *truck*, li certament kien qieghed jimblokka l-vizwali taz-zewg sewwieqa. Il-konvenuta hadet prekawzjonijiet biex harget bil-mod izda jidher illi l-attur kien ghaddej b'xi 35/40km fis-siegha, ghalkemm isslowja, baqa' ghaddej u nduna biss bil-karozza tal-konvenuta kif din fegghet quddiemu.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li huma proprju z-zewg sewwieqa li jahtu ghall-incident in kwistjoni ghalkemm jidhirlu li ghandha tahti aktar il-konvenuta milli l-attur. It-Tribunal m'huwiex daqstant konvint li l-konvenuta harget bil-mod il-mod kif xehdet. Inoltre t-Tribunal jidhirlu li l-attur ma tantx kien ghaddej b'xi *speed* partikolari. Certament kieku z-zewg karozzi kienu ghaddejjin b'aktar velocita' d-daqqa kienet tkun ferm akbar u l-karozza ta' l-attur kien ikun fiha aktar hsarat. Tenut kont il-premess, it-Tribunal jidhirlu li r-responsabbilta' ta' l-incident ghandha tigi apporzjonata kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-konvenuta u terz (1/3) ghall-attur.

Ghar-rigward tad-danni ma jidhirx li dawn qed jigu kkontestati. F'kull kaz, jidher li l-atturi pprezentaw id-dokumenti relattivi ghall-hsarat in kwistjoni. Id-danni mitluba mill-atturi jammontaw ghal erba' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm455.62c) u ghalhekk, stante li r-responsabbilta' qed tigi apporzjonata, zewg terzi (2/3) ta' dan l-ammont jigi ghal tlett mija u tlett liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm303.75c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara l-konvenuta responsabbli ghall-incident fi grad ta' zewg terzi (2/3) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tlett liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm303.75c) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz. L-ispejjez tal-kawza jkunu kwantu ghal terz (1/3) ghall-atturi u zewg terzi (2/3) ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------